**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/043 |
| **Allegazzjoni:** | Ġenerożità eċċessiva fl-għoti ta' benefiċċji lill-eks Prim Ministru Joseph Muscat |
| **Ilmentaturi:** | Il-Prof. Arnold Cassola (l-ewwel u t-tielet ilmenti)<br>Dr Robert Aquilina għan-nom tal-għaqda Repubblika (it-tieni ilment) |
| **Data tal-Ilment:** | 3 ta' Frar 2022 (l-ewwel ilment)<br>4 ta' Frar 2022 (it-tieni ilment)<br>28 ta' Mejju 2023 (it-tielet ilment) |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 13 ta' Marzu 2024 |

## L-Ilmenti

*L-Ewwel Ilment*

1. Fit-3 ta' Frar 2022, il-Professur Arnold Cassola kiteb lil dan l-Uffiċċju sabiex jitlob investigazzjoni tal-Prim Ministru Robert Abela talli kien qed jippermetti konċessjoni ta' propjetà tal-gvern lill-eks Prim Ministru Joseph Muscat, u talli kien qed jirrifjuta li jiżvela dettalji dwar dan. Il-Prof. Cassola qal "*Fir-rigward tal-ewwel talba, nixtieq niġbed l-attenzjoni tiegħek għall-fatt li qed tintalab investigazzjoni għal sitwazzjoni li għadha tezisti – qed tkompli għaddejja matul iz-zmien – u għalhekk mhix preskritta*." Il-Prof. Cassola rrefera għal rapport tal-ġurnal *Times of Malta* li kien ħareġ dakinhar stess.[1]

2. Dan l-ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument A**.

[1] Ara https://timesofmalta.com/article/joseph-muscats-sa-maison-office-was-part-of-severance-package-abela.931978.

*It-Tieni Ilment*

3. L-għada, 4 ta' Frar 2022, Dr Robert Aquilina kiteb lil dan l-Uffiċċju f'isem l-għaqda voluntarja Repubblika sabiex jitlob investigazzjoni tal-Prim Ministru Robert Abela "*u possibbilment tal-Kabinett tal-Ministri*" b'rabta mal-pakkett ta' benefiċċji li ngħata lill-eks Prim Ministru Joseph Muscat talli:

(a) il-pakkett ġie stabbilit fuq bażi ad hoc u ad hominem wara negożjati sigrieti;

(b) il-ftehim dwar il-pakkett ma kienx dokumentat, jew jekk kien dokumentat il-gvern żammu sigriet u gideb dwar l-eżistenza tiegħu;

(ċ) il-ftehim jinkludi trasferiment ta' propjetà pubblika għal użu privat, mingħajr ma ġiet applikata l-liġi li tirregola t-trasferiment ta' artijiet tal-gvern; u

(d) il-ftehim involva spiża li saret għal raġunijiet politiċi u ma kinitx fl-interess pubbliku.

4. Dr Aquilina rrefera għal diversi dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-Kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

5. Dan l-ilment huwa anness bħala d-**Dokument B**.

*It-Tielet Ilment*

6. Fit-28 ta' Mejju 2023, il-Prof. Cassola reġa' kiteb lil dan l-Uffiċċju dwar l-istess każ. Huwa rrefera għal rapport tal-ġurnal elettroniku *The Shift* li deher dakinhar stess[2] u qal: "*Please investigate why the Prime Minister is giving free use of an office to someone who is earning a fortune in consultancies every year, and is not in public service and why he does not provide an explanation for this (mis) use of public property*". Il-Prof. Cassola rrefera għal numru ta' dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta' etika ministerjali.

7. Dan l-ilment huwa anness bħala d-**Dokument Ċ**.

[2] Ara https://theshiftnews.com/2023/05/28/e75000-for-muscats-car-as-abela-lets-him-use-public-property-without-a-contract/.

**Il-Kuntest**

8. Fit-3 ta' Frar 2022, il-ġurnal *Times of Malta* irrapporta li Dr Joseph Muscat kien ingħata l-użu ta' uffiċċju f'Sa Maison bħala parti mill-pakkett ta' benefiċċji mogħtija lilu meta rriżenja mill-kariga ta' Prim Ministru. Ir-rapport tat-*Times of Malta* kien qed jikkwota r-risposti mogħtija mill-Prim Ministru kurrenti, Dr Robert Abela, waqt li kien qed iwieġeb mistoqsijiet tal-ġurnalisti dwar dan is-suġġett. It-*Times of Malta* rrapportat ukoll li l-Prim Ministru Abela ma tax aktar dettalji lill-ġurnalisti dwar il-pakkett ta' benefiċċji ta' Dr Muscat għaliex qal li diġà kienu ngħataw dettalji.

9. Fl-istess rapport, it-*Times of Malta* qalet li kienet talbet kopja tal-pakkett ta' benefiċċji taħt l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, iżda l-Uffiċċju tal-Prim Ministru kien ċaħad din it-talba għar-raġuni li ma kien jeżisti ebda ftehim speċifiku.[3]

10. Fl-1 ta' Novembru 2022, il-Ministru Silvio Schembri wieġeb mistoqsija parlamentari mingħand l-Onor. Ivan Bartolo billi qal li "*m'hemm ebda titolu dwar il-parti tal-binja riferuta. L-użu tagħha hu parti mis-'severance package' tal-eks Prim Ministru fuq il-bażi ta' mera tolleranza*."[4]

11. Fl-14 ta' Marzu 2023, b'risposta għal interpellanza parlamentari oħra, din id-darba tal-Onor. Graham Bencini, l-Onor. Prim Ministru ta dettalji tal-pakkett relattiv, wara li qal li l-benefiċċji ta' tmiem il-kariga ta' eks Prim Ministru kienu ilhom jeżistu ħafna snin. Irriżulta li Dr. Muscat ingħata:

(a) karozza imħallsa bl-użu ta' xufier;

(b) passaport diplomatiku;

(ċ) faċilità tat-telefon fuq żewġ land lines u sistema ta' internet;

(d) kompjuter jew laptop bi printer u scanner;

(e) mobile phone b'telefonati sa €2,330 fis-sena;

(f) kopja tal-Gazzetta tal-Gvern;

(g) terminal benefit li kopra l-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2008 – meta Dr Muscat inħatar Kap tal-Oppożizzjoni – sat-12 ta' Jannar 2020, meta rriżenja minn Prim Ministru;

---

[3] Ara n-nota 1 fuq.

[4] Risposta għall-mistoqsija parlamentari nru 2150 tal-erbatax-il leġiżlatura.

(h) servizz ta' uffiċjal pubbliku bħala assistent personali;

(i) l-użu tal-uffiċċju; u

(j) l-użu tat-tieni karozza.[5]

12. Fis-17 ta' April 2023, b'risposta għal interpellanza oħra tal-Onor. Bencini, il-Prim Ministru qiegħed fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati tabella li tqabbel il-benefiċċji mogħtija lil Dr Muscat ma' dawk ta' żewġ eks Prim Ministri oħra, Dr Lawrence Gonzi u Dr Alfred Sant.[6]

13. Fit-28 ta' Mejju 2023, *The Shift* irrapportat li talbet kopja tal-ftehim li jirregola l-użu minn Dr Muscat tal-uffiċċju f'Sa Maison. Skont dan il-ġurnal, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru qal b'risposta li "*The office in question is public property and there are no contracts. Joseph Muscat is using the office only on a 'tolerance basis' and only as long as Robert Abela lets him do so*". *The Shift* irrapportat ukoll li l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ma tax risposta meta ntalab jispjega għalfejn Dr Muscat qed jingħata l-użu ta' propjetà pubblika b'xejn minkejja li ddikjara dħul ta' €500,000 minn konsulenzi fl-2020 biss. [7]

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

14. Wara li ġew riċevuti l-ewwel żewġ ilmenti, il-Kummissarju ta' dak iż-żmien iddeċieda li l-każ kien jimmerita investigazzjoni.

15. Meta ġie riċevut it-tielet ilment, ġie deċiż li għandu jiġi trattat bħala parti mill-istess investigazzjoni.

**Indaġni ta' Dan l-Uffiċċju**

16. Fil-5 ta' Settembru 2022 il-Kummissarju preċedenti kiteb liċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet fejn talbu informazzjoni dwar il-propjetà f'Sa Maison, u jekk kinux saru arranġamenti fl-imgħoddi sabiex propjetà pubblika tingħata għall-użu ta' eks Prim Ministri.

---

[5] Risposta għall-mistoqsija parlamentari nru 7,134 tal-erbatax-il leġiżlatura.

[6] Risposta għall-mistoqsija parlamentari nru 7,795 tal-erbatax-il leġiżlatura.

[7] Ara n-nota 2 fuq.

17. Iċ-Chairman irrisponda fit-12 u t-28 ta’ Settembru 2022 (**Dokumenti D u E**). Minn dawn ir-risposti irriżulta illi l-art in kwistjoni kienet ġiet allokata lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-2010 versu kera ta’ €6,000 fis-sena. L-Awtorità tal-Artijiet ma kienet involuta f’ebda ftehim ieħor fir-rigward ta’ din il-propjetà u ebda ftehim jew arranġament biex eks Prim Ministru jingħata l-użu ta’ propjetà pubblika oħra.

18. Fis-17 ta’ Marzu 2023 dan l-Uffiċċju kiteb lis-Segretarju tal-Kabinett fejn talbu aktar dettalji. Fir-risposta tiegħu datata 13 ta’ April 2023 (**Dokument F**) irriżulta li oltre dak già imsemmi, it-terminal benefit kien jammonta għal €120,128.40 peress li Dr. Muscat għażel li jieħu terminal benefit doppju minflok transitional allowance. Fiha ġie spjegat ukoll illi t-terminal benefit kien ibbażat fuq is-salarju tal-Prim Ministru fl-2020, li kien ta’ €57,797.50 euros oltre ħlasijiet oħra inkluż allowances u għalhekk b’kollox l-introjtu kien ta’ €64,068.48. It-terminal benefit jiġi kalkulat billi jingħata xahar paga għal kull sena li jkun serva bhala Kap tal-Oppożizzjoni jew Prim Ministru, f’dan il-każ €5,339.04 għal 11.25 snin (mill-1 ta’ Ottubru 2008 sat-12 ta’ Jannar 2020) u għalhekk €60,064.20 euros. Peress li kif ingħad Dr. Muscat għażel li jieħu terminal benefit doppja minflok allowance transitorja, dan wassal għall-ammont ta’ €120,128.40.

19. Fil-15 ta’ Novembru 2023, dan l-Uffiċċju kiteb lill-Prim Ministru (**Dokument G**) sabiex jirreferilu t-tliet ilmenti u jitolbu l-veduti tiegħu dwarhom. Permezz ta’ din l-ittra, l-evidenza miġbura minn dan l-Uffiċċju, konsistenti fid-Dokumenti D, E u F, ġew riferuti lill-Prim Ministru għall-finijiet tal-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

20. Il-Prim Ministru wieġeb permezz ta’ ittra datata 29 ta’ Novembru 2023 (**Dokument H**). Huwa qajjem dawn il-punti ewlenin:

(a) L-ittra ta’ dan l-Uffiċċju ddeċidiet dwar il-preskrizzjoni meta huwa kien għadu lanqas biss issollevaha. Dan jirrappreżenta preġudizzju irrimedjabbli fil-konfront tiegħu.

(b) Id-deċiżjoni dwar il-beneficcji kollha ta’ terminazzjoni ttieħdet f’Diċembru 2019 u ġiet implimentata kmieni fl-2020, u għaldaqstant l-għoti tal-benefiċċji kollha jaqa’ taħt il-preskrizzjoni.

(c) Informazzjoni sħiħa dwar il-pakkett “*tinsab fil-pussess tiegħek u fid-dominju pubbliku u għalhekk hemm trasparenza sħiħa, kuntrarjament għal kif qed jiġi implikat*.”

(d) Meta l-Kabinett ħa deċiżjoni dwar il-pakkett f'Diċembru tal-2019, il-Prim Ministru preċedenti allontana ruħu mid-diskussjoni u d-deċiżjoni, u ma ppresjediex il-Kabinett fir-rigward ta' dik il-materja.

(e) Dan l-Uffiċċju beda l-investigazzjoni tiegħu sa mill-bidu tas-sena 2022 iżda kien biss issa, wara aktar minn sena u nofs, li l-Prim Ministru ntalab jagħti l-veduti tiegħu. Dan mhux skont il-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

(f) Il-materja investigata hi kollha kemm hi deċiżjoni kollettiva tal-Kabinet f'amministrazzjoni u leġiżlatura preċedenti, u għalhekk tintlaqat bl-artikolu 20 tal-Att. Il-Kummissarju hu prekluż milli jinvestiga deċiżjoni tal-Kabinett.

(g) It-titolu ta' kera tal-art in kwistjoni għadda għand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru b'mod leġittimu, filwaqt li d-detenzjoni minn Dr Muscat hija fuq bażi ta' mera tolleranza b'deċiżjoni kollettiva tal-Kabinett.

(h) Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni u tal-insindakabilità ta' deċiżjoni tal-Kabinett, l-allegazzjoni dwar ġenerożità eċċessiva hija suġġettiva u arbitrarja, u għaldaqstant ma tistax isservi bħala bażi għal deċiżjoni f'dan il-każ.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-merti**

21. L-allegazzjonijiet imqajma fit-tliet ilmenti jistgħu jinġabru taħt tlett irjus:

(a) il-Prim Ministru u l-Kabinett taw pakkett ta' benefiċċji lil Dr Muscat li kien ġeneruż iżżejjed għal raġunijiet li ma kinux relatati mal-interess pubbliku;

(b) il-konċessjoni ta' propjetà tal-gvern lil Dr Muscat ma kinitx skont il-liġi; u

(ċ) il-Prim Ministru rrifjuta li jagħti informazzjoni dwar il-benefiċċji ta' Dr Muscat.

22. Dawn l-aspetti se jiġu kkunsidrati wieħed wieħed.

### (a) L-għoti ta' benefiċċji ġenerużi żżejjed

*Liema benefiċċji jistgħu jitqiesu ġenerużi żżejjed?*

23. Skont risposta għal interpellanza parlamentari li ngħatat fit-2 ta' Ġunju 2020, skema ta' benefiċċji terminali għall eks Prim Ministri ġiet introdotta għall-ewwel darba fl-2004 u emendata fl-2018 u l-2019.[8]

24. FL-ittra tiegħu tat-13 ta' April 2023 (Dokument F), is-Segretarju tal-Kabinett jagħti dettalji dwar il-pakkett ta' benefiċċji li kien jeżisti qabel Diċembru tal-2019. Biss, dan preżumibbilment jinkludi t-tibdiliet li saru fl-2018. Sabiex wieħed jiddetermina liema benefiċċji żdiedu riċentement u liema ilhom stabbiliti, wieħed għandu jagħmel paragun mal-benefiċċji ta' qabel l-2018. Dettalji dwar dawn jinsabu f'rapport li nħareġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika f'Novembru 2011.[9]

25. Jirriżulta li l-pakkett ta' benefiċċji ta' Dr Muscat fih tliet elementi ġodda li ma kinux ingħataw lil Prim Ministri preċedenti:

(a) il-possibbiltà tal-għażla ta' terminal benefit doppju minflok it-transitional allowance;

(b) it-tieni karozza; u

(ċ) l-uffiċċju ta' Sa Maison.

26. Għalhekk l-allegazzjoni dwar ġenerożità żejda potenzjalment tapplika għal dawn it-tliet benefiċċji.

27. Fir-rigward tat-terminal benefit doppju, dan l-Uffiċċju josserva li skont id-dokument tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, it-transitional allowance kellha kundizzjonijiet pjuttost restrittivi marbuta magħha. Din kienet ekwivalenti għal massimu ta' 65 fil-mija tas-salarju tal-Prim Ministru u kienet titħallas għal tliet snin, iżda eks Prim Ministru ma kien jieħu xejn fl-ewwel sena jekk jingħata t-terminal benefit. Jekk kellu xi impjieg ieħor, kif ġie rapportat li għandu Dr Muscat, ammont ekwivalenti għad-dħul tiegħu kien jitnaqqas mill-allowance matul is-sentejn ta' wara. Għalhekk, l-introduzzjoni tal-alternattiva ta' terminal

---

8 Risposta għall-mistoqsija parlamentari nru 14,827 tat-tlettax-il leġiżlatura.

9 Ara l-paġna 22 tar-rapport intitolat *Members of Parliament Honoraria* u aċċessibbli minn https://nao.gov.mt//loadfile/6c304c64-da3f-4868-9ec7-d55ae3f928bf.

benefit doppju minflok din l-allowance tista' titqies bħala benefiċċju ġdid u sostanzjali.

*Ir-risponsabbiltà għall-għoti ta' dawn il-benefiċċji*

28. Skont l-informazzjoni mogħtija lil dan l-Uffiċċju mis-Segretarju tal-Kabinett (Dokument F), il-pakkett ta' benefiċċji ta' Dr Muscat ġie stabbilit b'deċiżjoni meħuda mill-Kabinett fl-10 ta' Diċembru 2019, meta Dr Muscat kien għadu Prim Ministru. Skont il-Prim Ministru kurrenti (Dokument H), il-Kabinett iddiskuta dik il-materja fl-assenza ta' Dr Muscat. Fi kwalunkwe każ, il-Prim Ministru Robert Abela ma jistax jinżamm risponsabbli għal din id-deċiżjoni għaliex ittieħdet qabel ma sar Prim Ministru f'Jannar tal-2020.

29. Fir-rigward tar-responsabbiltà tal-Kabinett, l-artikolu 13(4) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika jgħid hekk:

> *Fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, il-Kummissarju m'għandux jippreġudika t-twettiq ta' kull dmir assenjat jew prerogattiva mogħtija mill-Kostituzzjoni lil xi persuna, awtorità jew detentur ta' kariga politika u b'mod partikolari, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ngħad qabel, **huwa m'għandux jippreġudika l-poteri u prerogattivi tal-Prim Ministru fuq il-Kabinett**.* [Enfażi miżjuda.]

30. Il-Kummissarju preċedenti kkunsidra l-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu fil-kuntest ta' każ li kien jinvolvi azzjoni meħuda minn ministru sabiex iwettaq deċiżjoni tal-Kabinet. F'dak il każ il-Kummissarju kkonkluda li:

> ***Huwa minnu li jiena ma nistax nissindika deċiżjonijiet tal-Kabinett**, iżda dan ifisser li ministru li jabbuża mill-poter jew jikser l-etika effettivament jiġi eżonerat jekk jagħmel dan in konnessjoni ma' deċiżjoni tal-Kabinett? Jiena jidhirli li dan m'għandux ikun il-każ, u ministru jibqa' risponsabbli għall-għemil tiegħu anki jekk ikun qed jesegwixxi deċiżjoni tal-Kabinett.* [Enfażi miżjuda.][10]

31. In konnessjoni mal-istess każ, il-Kummissarju preċedenti qal ukoll li "*minn dak l-artikolu jsegwi li l-Kabinett mhux sindakabbli mill-uffiċċju tal-*

---

[10] Rapport dwar il-każ K/026 (21 ta' Lulju 2021), paragrafu 27. Ir-rapport jista' jitniżżel minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K026.pdf.

*Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika u li l-għan tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika kienet li jiġi sindakat l-għemil ta' ministru jew persuna partikolari, u mhux deċiżjoni tal-Kabinett.*[11]

32. Dan ifisser li d-deċiżjoni tal-Kabinett dwar il-benefiċċji ta' Dr Muscat mhix sindakabbli minn dan l-Uffiċċju.

33. Fi kwalunkwe każ il-Kabinett ħa din id-deċiżjoni aktar minn sentejn qabel ma saru l-ewwel żewġ ilmenti, u għaldaqstant hija wkoll preskritta taħt l-artikolu 14(2) tal-Att. Dan l-artikolu jgħid hekk:

> *Ma għandhiex tittieħed konjizzjoni ta' lment taħt dan l-Att kemm-il darba dak l-ilment ma jsirx sa mhux aktar tard minn tletin jum tax-xogħol minn dakinhar li fih min jagħmel l-ilment kien jaf bil-fatt li ta lok għall-ilment jew minn sena minn meta jkun seħħ il-fatt li jkun ta lok għall-ilment, skont liema data tiġi l-ewwel.*

*Il-possibbiltà li l-benefiċċji jiġu irtirati*

34. L-Onor. Prim Ministru fir-risposta tiegħu (Dokument H) barra li "eċċepixxa" l-preskrizzjoni ilmenta mill-fatt li fl-ittra li intbagħtet lilu minn dan l-Uffiċċju, ġie indikat li l-esponent ma kienx se jieħu konjizzjoni tal-kwistjonijiet monetarji minħabba li jirriżultaw preskritti, iżda li kien fi ħsiebu jittratta l-kwistjoni tal-benefiċċji l-oħra. Bħal donnu jindika li l-esponent kien gia iddeċieda li l-preskrizzjoni ma kinitx tapplika u allura bħallikieku l-esponent ma kienx tah ċans jagħmel l-osservazzjonjiet tiegħu. Dan mhux il-kaz: l-esponent kien sempliċement tal-opinjoni li fil-każ tal-benefiċċji monetarji kien hemm "prima facie" d-dekorriment tat-terminu preskrittiv, xi ħaġa li ma kienx hemm fir-rigward tal-benefiċċji l-oħra.

35. Fil-każ in eżami però, l-użu tal-uffiċċju u tat-tieni karozza huma benefiċċji li Dr Muscat **għadu jgawdi minnhom sal-lum** u mill-punto di vista strettament legali jistgħu jiġu rtirati. Ma nħossx għalhekk li l-preskrizzjoni għandha tapplika għall-benefiċċji mhux monetarji in kwistjoni.

36. Dan jgħodd b'mod partikolari għall-użu tal-uffiċċju, billi dan ingħata lil Dr Muscat fuq il-bażi ta' mera tolleranza. It-terminu "tolleranza" huwa terminu

[11] Silta meħuda minn ittra mibgħuta lill-Ministru għal Għawdex fis-6 ta' Jannar 2021 u annessa mar-rapport dwar il-każ K/026 (ara n-nota ta' qabel) bħala d-Dokument D.

legali u għalhekk is-sottoskritt ikollu jirreferi għal deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tas-6 ta' Ottubru 2004 fil-kawża fl-ismijiet **Stagno vs Bugeja**, fejn intqal illi:

> *It-tgawdija ta' fond ta' mera tolleranza ma tattribwixxi l-ebda drittijiet mhux biss għaliex in-natura tagħha ma taqbilx mar-rabta legali li tnissel magħha n-neċessità tal-adempjiment iżda, ukoll skont l-insenjament ta'* ***Laurent****, "colui che gode per tolleranza non ha nessun titolo, salvo un consenso del propietario che questi può ritirare da un istante all' altro."*

37. Madankollu, ġaladarba dawn il-benefiċċji ngħataw lil Dr Muscat b'deċiżjoni tal-Kabinett, wieħed ma jistax jistenna li jiġu rtirati unilateralment mill-Prim Ministru, għaliex b'hekk il-Prim Ministru jkun qed imur kontra deċiżjoni tal-Kabinett. Għalhekk il-Prim Ministru Robert Abela ma jistax jinżamm risponsabbli talli ma ġewx irtirati l-benefiċċji mhux monetarji ta' Dr Muscat.

38. Huwa minnu li l-Prim Ministru jista' jerġa' jqajjem din il-kwistjoni mill-ġdid fil-Kabinett, iżda s-setgħa ta' Prim Ministru li jiddetermina l-aġenda tal-Kabinett hija koperta mill-artikolu 13(4) tal-Att. Għalhekk is-sottoskritt ma jistax jissindika deċiżjoni tal-Prim Ministru li jressaq jew ma jressaqx materja għall-konsiderazzjoni tal-Kabinett.

### (b) il-legalità tal-konċessjoni tal-uffiċċju

39. Huwa allegat ukoll li l-allokazzjoni tal-uffiċċju f'Sa Maison lil Dr Muscat ma sarx skont l-artikolu 31 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (il-Kapitolu 573 tal-liġijiet ta' Malta). Dan l-artikolu jgħid "*Ebda art li tkun proprjetà tal-Gvern jew għalkemm mhux proprjetà tal-Gvern tinsab fil-pussess jew hija miżmuma jew amministrata mill-Gvern, ma tista' tiġi trasferita kemm-il darba dak it-trasferiment ma jsirx skont xi waħda mid-dispożizzjonijiet li ġejjin*". L-istess artikolu jelenka diversi mekkaniżmi ta' trasferiment b'kundizzjonijiet marbuta magħhom.

40. Dan l-Uffiċċju m'għandux konjizzjoni ta' xi parir legali li seta' ingħata dwar din il-konċessjoni b'tolleranza. Madankollu, jekk kien hemm xi impressjoni li allura ladarba l-konċessjoni hija dipendenti fuq il-volontà tas-sid (ossija l-gvern) ma kienx applikabbli l-Kap. 573, is-sottoskritt huwa tal-fehma li għallinqas hemm dubju serju dwar dan għaliex l-artiklu 31 ta' dan l-Att japplika ghal kwalunkwe trasferiment u għalhekk kellha tiġi osservata l-istess liġi appena

imsemmija. Biss, dan l-Uffiċċju mhux qiegħed biex jiddetermina jekk ġiex segwit l-artikolu 31 tal-Kap. 573, għaliex dik hija l-mansjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont l-artikolu 33(2) tal-istess Att.

41. Madankollu, nirrakkomanda li l-sitwazzjoni tiġi kkjarifikata u jekk hemm bżonn regolarizzata, anki għaliex mhux faċli li wieħed jirrikonċilja l-konċessjoni tal-uffiċċju f'Sa Maison b'tolleranza (li ma timplika ebda rabta min-naħa tal-gvern) mal-inklużjoni tal-uffiċċju fil-pakkett ta' benefiċċji li Dr Muscat hu intitolat għalihom (li timplika rabta).

**(ċ) Nuqqas ta' trasparenza**

42. L-ilment dwar nuqqas ta' trasparenza ġie riżolt permezz tar-risposti li ngħataw fl-14 ta' Marzu u s-17 ta' April 2023 għall-mistoqsijiet parlamentari numri 7,134 u 7,795 rispettivament, kif indikat fuq. Għalhekk is-sottoskritt huwa tal-fehma li ma fadalx lok għall-investigazzjoni ta' din l-allegazzjoni partikolari.

**Konsiderazzjonijiet oħra**

*L-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika*

43. L-Onor. Prim Ministru josserva (Dokument H) li huwa ntalab jagħti l-veduti tiegħu dwar il-każ aktar minn sena u nofs wara li beda jiġi investigat minn dan l-Uffiċċju, u jgħid: "*Għalhekk qed nirriżerva d-drittijiet tiegħi fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 18 tal-Att, li jirregola l-proċeduri li l-uffiċċju tiegħek mistenni jsegwi f'kull indaġni li jwettaq*."

44. Jidher li l-Prim Ministru qed jirreferi għall-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, li jgħid li "*Il-Kummissarju ma għandux jagħmel xi sejba jew rakkomandazzjoni dwar persuna li tkun qiegħda tiġi investigata mingħajr ma jkun ta lil dik il-persuna aċċess għall-provi kollha u d-dritt għas-smigħ skont il-prinċipji tas-smigħ xieraq*."

45. Madankollu, din id-dispożizzjoni ġiet sodisfatta permezz tal-ittra ta' dan l-Uffiċċju tal-15 ta' Novembru 2023 (Dokument G). Din id-dispożizzjoni tagħti s-setgħa lil dan l-Uffiċċju li jagħmel kwalunkwe investigazzjoni li jidhirlu xieraq qabel jagħti d-dritt tas-smigħ lill-persuna investigata, basta ma joħroġx b'konklużjonijiet. Dan l-Uffiċċju mhux obbligat ifittex il-veduti tal-persuna investigata malli jibda l-investigazzjoni.

*L-applikazzjoni tal-artikolu 20 tal-Att*

46. L-Onor. Prim Ministru jgħid "*Inżid illi l-materja investigata hi kollha kemm hi deċiżjoni kollettiva tal-Kabinett f'amministrazzjoni u leġiżlatura preċedenti, u għalhekk tintlaqat fl-artikolu 20 tal-Att. B'hekk kwalunkwe ndaġni dwar din il-materja privileġġjata tikkozza mhux biss mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu msemmi, iżda wkoll mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 496 tal-Liġijiet ta' Malta.*"

47. L-artikolu 20 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika fih żewġ subartikoli. Bis-saħħa tas-subartikolu (1), il-Prim Ministru jista' jwaqqaf lil dan l-Uffiċċju milli jitlob xhieda jew dokumenti billi jiċċertifika li dan ikun ta' dannu għal raġunijiet partikolari, fost affarijiet oħra jekk ikun jinvolvi l-kxif tad-diskussjonijiet jew proċedimenti tal-Kabinett. Biss, ma saret ebda ċertifikazzjoni taħt l-artikolu 20(1), anqas meta dan l-Uffiċċju talab informazzjoni mingħand is-Segretarju tal-Kabinett.

48. L-artikolu 20(2) jgħid li fl-investigazzjonijiet tiegħu il-Kummissarju għandu jħares kull liġi li tawtorizza jew teħtieġ li informazzjoni ma tinkixifx għar-raġuni li l-kxif ta' dik l-informazzjoni jkun ta' ħsara għall-interess pubbliku. Madankollu, il-Prim Ministru jgħid ukoll fl-ittra tiegħu li "*l-informazzjoni sħiħa dwar dan il-pakkett ta' benefiċċji tinsab fil-pussess tiegħek* ***u fid-dominju pubbliku*** *u għalhekk hemm trasparenza sħiħa, kuntrarjament għal kif qed jiġi implikat*" (enfażi miżjuda). Ġaladarba l-informazzjoni fil-pussess ta' dan l-Uffiċċju hija diġà fid-dominju pubbliku, l-artikolu 20(2) ma jistax japplika għaliha.

49. Dan iżda huwa bla ħsara għall-applikazzjoni tal-artikolu 13(4) tal-Att, li diġà ġie diskuss.

**Konklużjonijiet**

50. Peress li d-deċiżjonijiet u l-proċedimenti tal-Kabinett mhumiex sindakabbli taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, u f'kull każ l-Onor. Prim Ministru ma kienx fil-kariga meta d-deċiżjoni in kwistjoni ttieħdet mill-Kabinett, ma nsibx ħtija fil-konfront tal-Prim Ministru.

51. Nirrakkomanda li l-benefiċċji li jingħataw lill-membri tal-eżekuttiv meta jispiċċaw mill-kariga għandhom ikunu regolarizzati permezz ta' liġi jew regolament (avviz legali taħt Att tal-Parlament) biex ikunu trasparenti u

disponibbli għal kull min ikun interessat jivverifika. Dawn il-benefiċċji m'għandhomx jiġu stabbiliti permezz ta' deċiżjoni tal-Kabinett li għaliha ma għandu aċċess ħadd.

52. Kopji ta' dan ir-rapport qed jintbagħtu lill-ilmentaturi, lill-Onor. Prim Ministru, u lill-Kumitat tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopja se titqiegħed ukoll fuq il-website ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datata 3 ta' Frar 2022 mingħand il-Prof. Arnold Cassola |
| Dokument B | Ittra datata 4 ta' Frar 2022 mingħand Dr Robert Aquilina f'isem l-għaqda Repubblika |
| Dokument Ċ | Email datata 28 ta' Mejju 2023 mingħand il-Prof. Cassola |
| Dokument D | Ittra datata 12 ta' Settembru 2022 mingħand iċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet |
| Dokument E | Ittra datata 28 ta' Settembru 2022 mingħand iċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet |
| Dokument F | Ittra datata 13 ta' April 2023 mingħand is-Segretarju tal-Kabinett |
| Dokument G | Ittra datata 15 ta' Novembru 2023 lill-Prim Ministru |
| Dokument H | Risposta datata 29 ta' Novembru 2023 mingħand il-Prim Ministru |

# DOKUMENT A

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Talba investigazzjoni koncessjoni ta" immobbli fuq art tal-gvern lil Joseph Muscat
**Date:** Thursday, 3 February 2022 19:50:20

---

Għaziz Kummissarju Hyzler,

L-ewwel nett niskuza ruhi li qed nerga' indejjqek. Imma l-pandemija ta' hmieg politiku li hakmet lil pajjizna ma tridx thallina.

Nixtieq niġbidlek l-attenzjoni għas-segwenti fatti:

1) Illi mill-artiklu anness ippubblikat fil-gazzetta The Times of Malta https://timesofmalta.com/articles/view/joseph-muscats-sa-maison-office-was-part-of-severance-package-abela.931978
jirrizulta li Dottor Joseph Muscat li kien Prim Ministru sas-sena 2019 ingħata proprjeta immobbli Sa Maison taħt xi titlu u/jew konċessjoni bħala parti mis-severance package tieghu.

2) Illi jirrizulta li Dott Joseph Muscat ghadu qed jokkupa dan l-uffiċċju sal-ġurnata tal-lum.

3) Illi l-Prim Ministru l-Onorevoli Robert Abela qed jirrifjuta li jippublika informazzjoni speċifika dwar l-valur, kundizzjonijiet u dettalji tal-istess severance package u l-għotja/konċessjoni/terminu/durazzjoni ta' dan l-uffiċċju.

Illi in vista tas-suespost nitolbok tinvestiga s-segwenti:
- Kemm hu sew u xieraq u etiku li Membru Parlamentari bħal ma hu l-Onorevoli Prim Ministru **jkompli** jippermetti u/jew jawtorizza konċessjoni ta immobbli, art tal-Gvern (meta dan mhemmx provediment għalih taħt ebda liġi rigward id-disponiment tal-art) f'dan il-mod.

- Kemm hu sew u xieraq u etiku li Membru Parlamentari bħalma hu l-Onorevoli Prim Ministru jirrifjuta li jizvela dettalji dwar materja bħal din, li hi ta' interess pubbliku.

Fir-rigward tal-ewwel talba, nixtieq niġbed l-attenzjoni tiegħek għall- fatt li qed tintalab investigazzjoni għal sitwazzjoni li għadha tezisti - **qed tkompli għaddejja matul iz-zmien** - u għalhekk mhix preskritta.

Niringrazzjak minn qabel għall-paċenzja u x-xogħol utli li tagħmel.

Arnold Cassola

DOKUMENT B

repubblika

4 ta' Frar 2022

Il-Kummissarju dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Triq San Pawl
Il-Belt Valletta

Sur Kummissarju:

DWAR: ĦLAS U KUMPENS LIL JOSEPH MUSCAT MA' U WARA T-TMIEM IL-KARIGA TIEGĦU BĦALA PRIM MINISTRU

Qed nibgħatlek kopja ta' ittra li bgħatt dalgħodu lis-Segretarju Permanent Ewlieni. Se nżommok infurmat dwar kwalunkwe risposta li se nirċievi għalkemm nistqarr li m'inhix persważ li se nirċievi risposta sostantiva, kompleta u sodisfaċjenti.

Fil-frattemp jidhrilna li hemm fatti magħrufa biżżejjed biex int tistħarreġ l-imġieba tal-Prim Ministru Robert Abela u possibilment tal-Kabinett tal-Ministri f'dan l-episodju u partikolarment b'referenza għall-prinċipji ġenerali tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li jesiġu responsabbiltà kollettiva għall-aġir tal-Gvern (4.1), disponibbiltà li jipprovdu informazzjoni lill-pubbliku (4.4), amministrazzjoni prudenti (4.5), ħarsien minn kunflitti t'interess (4.7), separazzjoni tar-rwol fil-gvern u ta' membru ta' partit politiku (4.8), infieq responsabbli tal-fondi pubbliċi (5.3), kontabilità (5.5), trasparenza (5.6), u onestà (5.7).

Minn dak li nistgħu nifhmu:

1. Il-kumpens u l-ħlasijiet li ngħataw u qed jingħataw lil Joseph Muscat wara li rriżenja ġew stabbiliti fuq bażi *ad hoc* u *ad hominem*, wara negozjati individwali u sigrieti, u lil hinn minn kriterji stabbiliti;

2. Il-ftehim ma kienx dokumentat, jew jekk kien dokumentat il-ftehim inżamm sigriet u l-Gvern gideb dwar l-ineżistenza tad-dokumentazzjoni biex jaħbiha;

3. Il-ftehim jinkludi t-trasferiment ta' propjetà pubblika għal użu privat apparantement mingħajr ma ġiet applikata il-liġi li tirregola t-trasferiment ta' artijiet tal-Gvern;

4. Il-ftehim kien maħsub biex jassigura tranżizzjoni politika fl-2019/2020 li ma tippreġudikax l-interessi tal-Partit Laburista waqt li konsegwentement ippreġudikat b'mod manifest l-interess pubbliku minħabba l-ispiża li swiet biex tikkumpensa lil Joseph Muscat b'mod li jkun kuntent jirreżenja qabel iż-żmien.

Nitolbuk tivverifika dawn il-fatti u tieħu l-azzjoni maħsuba fil-liġi.

Bir-rispett,

Robert Aquilina

29, Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba MQB 1011, Malta
repubblika.org

repubblika

4 ta' Frar 2022

Is-Segretarju Permanenti Ewlieni
Il-Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta

Sur Segretarju Permanenti Ewlieni:

DWAR: ĦLAS U KUMPENS LIL JOSEPH MUSCAT MA' U WARA T-TMIEM IL-KARIGA TIEGĦU BĦALA PRIM MINISTRU

Aħna konxji minn sensiela ta' risposti varji u inkonsistenti u skużi biex ma tingħatax informazzjoni rigward is-suġġett li jidher hawn fuq.

Kull gvern hu obbligat jagħti kont ta' li jonfoq u dan aktar u aktar meta dak l-infieq ikun fil-forma ta' ħlas jew għotijiet mogħtija 'l xi ħadd b'arranġament privat bejnu u l-Gvern. Aħna mwaħħxin naqraw li ma jeżistix dokument wieħed li jinkludi l-aspetti kollha ta' dak li tħallas u qed jitħallas Joseph Muscat meta u minn meta rriżenja.

Twaħħaxna aktar insiru nafu aktar minn sentejn wara li telaq Joseph Muscat li kien u għadu qed jokkupa bini pubbliku minkejja li safejn nafu aħna m'għandu ebda funzjoni pubblika.

Hu għalhekk li qed nitolbuk biex mingħajr ambigwitajiet u mingħajr ma tħalli xejn barra tgħidilna fi tweġiba għal din l-ittra:

1. X'kien kull ħlas li tħallas Joseph Muscat mill-1 ta' Diċembru 2019, id-data li fiha ħabbar li se jitlaq mill-Gvern?

2. Xi ħlas, jekk hemm, għad baqa' dovut lil Joseph Muscat u kif hu miftihem li jitħallas?

29, Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba MQB 1011, Malta
repubblika.org

3. X'benefiċċji u perkaċċi baqgħu jingħataw lil Joseph Muscat wara t-12 ta' Jannar 2020, id-data li minnha effettivament ma baqax fil-Gvern? Jekk m'għadhomx jingħataw, kemm damu jingħataw? Jekk għadhom jingħataw, sakemm hu miftihem li jibqgħu jingħataw?

4. Kif inhu kkuntrattat jew xorta oħra regolat l-użu ta' Joseph Muscat tal-propjetà f'Sa Maison li jidher li qed juża bħala uffiċċju? X'inhu t-titlu jew it-terminu li bih ingħatatlu din il-propjetà? Xi ħlas qed iħallas Joseph Muscat għall-użu ta' din il-propjetà? Kemm se titħalla għandu? X'infieq pubbliku sar fuq din il-propjetà mill-1 ta' Diċembru 2019 sad-data ta' din l-ittra u għaliex sar dan l-infieq?

Spiss wisq il-Gvern wera disprezz għal talbiet li jsiru taħt l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni. Essenzjalment il-Gvern iwieġeb għal talbiet taħt dik il-proċedura jekk irid, u allura qed insaqsuk direttament, mingħajr ma ninvokaw dik il-liġi għax fi kwalunkwe każ int direttament u personalment responsabbli għall-eżekuzzjoni ta' dak miftihiem ma' Joseph Muscat bil-fomm jew bil-kitba, fil-moħbi jew fid-deher.

Ninvokaw allura l-obbligu tiegħek li tonora d-dritt tal-pubbliku li jkun infurmat.

Minn qabel nirrespinġu li xi ħaġa fit-tweġibiet għad-domandi tagħna tista' b'xi mod tikkaġuna ħsara lis-sigurtà nazzjonali, tikxef xi kommunikazzjoni ma' gvernijiet oħra, tippreġudika xi investigazzjoni, tikser xi privileġġ professjonali jew xi sigriet kummerċjali, jew tikkostitwixxi disprezz tal-Parlament jew tal-Qorti. Qed nindirizzaw l-iskużi li ġieli intużaw, anke b'mod kapriċċuż, biex ma tingħatax informazzjoni li l-pubbliku għandu dritt manifest għaliha.

Nistgħu nobsru li l-kumpens li qed jitħallas Joseph Muscat kien approvat mill-Kabinett u allura taħt l-esklużjonijiet fl-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, dan il-fatt jista' jintuża bħala skuża biex tinħeba informazzjoni li l-pubbliku għandu dritt għaliha.

Kull skuża li tintuża biex taħbi ħlas miftihiem segretament ma' politiku li rriżenja b'diżunur mhi xejn anqas minn oltraġġ għall-prinċipji demokratiċi ta' trasparenza u kontabilità.

Nawguraw sinċerament li m'intix se tuża din l-iskuża.

29, Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba MQB 1011, Malta
repubblika.org

Bir-rispett,

Robert Aquilina

Kopja: Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT Ċ

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Talba investigazzjoni Robert Abela dwar koncessjoni proprjeta" pubblika lil Joseph Muscat
**Date:** Sunday, 28 May 2023 15:29:09

---

Ghaziz Direttur Polidano,

Nitolbok tghaddi t-talba tieghi ta' hawn taht lill-Kummissarju Azzopardi.

Inselli ghalik,
Arnold Cassola

The Standards Commissioner

Judge Emeritus Joseph Azzopardi

Dear Commisoner

I write with reference to the article published in The Shift on the 28th May 2023

https://theshiftnews.com/2023/05/28/e75000-for-muscats-car-as-abela-lets-him-use-public-property-without-a-contract/

This states that the Prime Minister Robert Abela is allowing former Prime minister Joseph Muscat to be given free use of public property (office at Sa Maison) even though Dr. Muscat has declared 500,000 euros in turnover from his consultancies in 2020 alone.

Dr Abela refused to explain why he lets this to go on.

This is in breach of the Code of Ethics for Ministers - especially of the following provisions:

4.4 Ministers shall be, to the widest extent possible, **open to providing information to** Parliament **and to the public in general.**

5.3 Diligence – once **Ministers administer public property, on behalf of the public in general, they shall exercise the highest level of diligence including in the expenditure of public funds,** and they shall also work diligently and hard in the performance of their duties.

5.4 Objectivity – in the performance of public duties, including in the appointments to offices, public procurement, **or in the context of any award of benefits.**

**5.5 Accountability – Ministers administer public property and shall be transparent in their operations and open to necessary scrutiny.**

5.6 Transparency – Ministers shall as much as possible perform their duties in an open and transparent manner, and **therefore give reasons for their decisions and actions.**

Please investigate why the Prime Minister is giving free use of an office to someone who is earning a fortune in consultancies every year, and is not in public service and why he does

not provide an explanation for this (mis) use of public property

Thank you

Yours sincerely

**Arnold Cassola**

DOKUMENT D

LANDS Authority

12 ta' Settembru, 2022

Dr George Marius Hyzler,
Kummissarju ghall-Istandards fil-Hajja Pubblika,
11, Triq San Pawl,
Valletta
VLT 1210

**re: Talba ghal evidenza skond l-artikolu 19 ta' l-Att dwar Standards fil-Hajja Pubblika**

Dr Hyzler,

Inwiegeb ghall-ittra tieghek datata l-5 ta' Settembru, 2022 billi ngharrfek kif gej:

i. Minn dak illi ndagajt fl-atti tal-inkartament tal-kaz in materja, jirrizulta li permezz ta' ittra datata l-5 ta' Novembru, 2010 (kopja annessa) l-ambjent involut *f'Sa Maison,* limiti tal-Floriana gie allokat ("*have been allocated*") a favur tal-Ufficcju tal-Prim Ministru versu kera annwu ta' sitt elef Euro.

ii. Hlief ghall-ittra hawn fuq riferita ma jirrizultax illi gie ffirmat xi ftehim iehor in rigward tal-allokazzjoni hekk maghmula, min-naha tal-Awtorita' tal-Artijiet.

iii. Gie verifikat illi l-hlas tal-kera relativ ghadu jsir regolarment sallum.

Insellimlek,

**Dr John Vassallo**
**Chairman - Bord tal-Gvernaturi**
**Awtorità tal-Artijiet**

Address:
Auberge de Baviere,
St Sebastian Street,
Valletta VLT 2000

Custom care:
+356 21224016/7

Email:
customercare.la@landsauthority.org.mt

Web:
www.landsauthority.org.mt

Land: 140/1980
Tenement No: 73161

5th November, 2010

Office of the Prime Minister
Auberge de Castille
Valletta
VLT 2000

**Offices and Stores at Sa Maison, limits of Floriana.**

You may wish to note that the above captioned premises, shown edged in red on attached Land Drawing No: 99/80/A have been allocated to you at an annual rent of €6,000 which is payable yearly in arrear.

Since probably no provision has been made in this years' estimates for the payment of rent on this property, rent is to be charged as from 1st January 2010 and therefore the amount of €6,000 being rent for period from 1st January, 2010 to 31st December, 2010 is to be paid on the 1st January 2011.

Regards

Ronald Psaila
f/Commissioner of Land

Dr John Vassallo LL.D.
Chairman
Lands Authority

c.c.: Director (Corporate Services) – Office of the Prime Minister

DOKUMENT E

LANDS
Authority

28 ta' Settembru, 2022

Dr George Marius Hyzler,
Kummissarju ghall-Istandards fil-Hajja Pubblika,
11, Triq San Pawl,
Valletta
VLT 1210

**re: Talba ghal evidenza skond l-artikolu 19 ta' l-Att dwar Standards fil-Hajja Pubblika**

Dr Hyzler,

In rigward tal-ahhar kwezit imressaq fl-ittra tieghek datata l-5 ta' Settembru, 2022, ma rrizultali l-ebda ftehim jew arrangament min-naha tal-Awtorita' tal-Artijiet, jew min-naha tal-predecessur tal-istess Awtorita', sabiex eks Prim Ministru jinghata l-uzu ta' proprjeta' pubblika.

Insellimlek,

Dr John Vassallo
Chairman tal-Awtorita' tal-Artijiet

DOKUMENT F

UFFIĊĊJU TAL-KABINETT
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

13 t'April 2023

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Sur Kummissarju,

Nirreferi għat-talba għall-informazzjoni tiegħek datata 17 ta' Marzu 2023 dwar l-għoti ta' benefiċċji lil Prim ministri, ministri u segretarji parlamentari meta dawn jispiċċaw mill-kariga.

Il-benefiċċji li jingħataw lil eks Prim Ministri, hekk kif aġġornati bid-deċiżjoni tal-Kabinett meħuda fl-10 ta' Diċembru 2019, huma dawn li ġejjin:

- Karozza mħallsa u użu ta' xufier;
- It-tieni karozza;
- Passaport diplomatiku u faċilitajiet tal-protokol oħra;
- Faċilità tat-telefon b'xejn fuq żewġ *land lines* u sistema tal-internet b'xejn;
- Kompjuter jew *laptop* bi printer u *scanner*;
- *Mobile phone* b'telefonati b'xejn sa massimu ta' €2,330 fis-sena;
- Kopja tal-Gazzetta tal-Gvern bis-supplimenti;
- *Terminal benefit:* eks Prim Ministri jistgħu jagħżlu li jirċievu d-doppju tat-*terminal benefit* filwaqt li jirrinunzjaw kwalunkwe *transitional allowance*;
- *Transitional allowance*;
- Is-servizz ta' uffiċċjal pubbliku sabiex iservi ta' assistent personali;
- Uffiċċju (użu).

L-eks Prim Ministru Joseph Muscat tħallas *terminal benefit* li huwa bbażat fuq is-salarju tiegħu bħala Prim Ministru fl-2020 (inkluż *cash payment* ta' €447.50) u *allowance* addizzjonali ta' €5,823.48. Is-salarju bażiku ta' prim ministru huwa 125% ta' skala 1 (€46,238 fl-2020) u allura fl-2020 kien jammonta għal €57,797.50.

It-total tas-salarju bażiku, il-*cash payment* u l-*allowance* jammontaw għal €64,068.48. It-*terminal benefit* jiġi kkalkulat billi tingħata xahar paga għal kull sena li l-benefiċjarju jkun serva bħala Kap tal-Oppożizzjoni u Prim Ministru. Dan jammonta għal €5,339.04 għal 11.25 snin (mill-1 t'Ottubru 2008 sat-12 ta' Jannar 2020) - jiġifieri €60,064.20.

Peress li l-eks Prim Ministru Muscat għażel li jieħu *terminal benefit* doppju minflok *transitional allowance*, l-ammont totali ta' ħlas jammonta għal €120,128.40.

Id-dokument li jirregola l-għoti ta' dawn il-benefiċċji, inkluż il-ħlas ta' benefiċċji tat-tmiem, huwa dokument tal-Kabinett u allura huwa kkunsidrat bħala dokument eżenti taħt l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni (Kap 496).

Din l-informazzjoni iżda tinsab kontenuta f'forma mqassra fid-dokument mehmuż ma' din l-ittra.

t + 356 2200 1285 e cabinet.office@gov.mt | www.primeminister.gov.mt

UFFIĊĊJU TAL-KABINETT
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

Informazzjoni dwar l-użu tal-uffiċċju f'Sa Maison mill-eks Prim Ministru Joseph Muscat ingħatat bħala risposta għal mistoqsija parlamentari 2150 nhar l-1 ta' Novembru 2022. Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet wieġeb li 'm'hemm ebda titolu dwar il-parti tal-binja riferuta. L-użu tagħha hu parti mis-'severance package' tal-eks Prim Ministru fuq bażi ta' *mera tolleranza.*' Il-binja baqgħet proprjetà tal-Gvern u sempliċiment ġiet allokata lill-eks Prim Ministru Muscat għall-użu tiegħu.

Ma kien hemm ebda arranġamenti oħra dwar proprjetà pubblika użata minn eks Prim Ministri. Qabel Diċembru 2019, il-benefiċċji li kienu jingħataw lil eks Prim Ministri huma s-segwenti:

- Karozza mħallsa u użu ta' xufier;
- Passaport diplomatiku u faċilitajiet tal-protokol oħra;
- Faċilità tat-telefon b'xejn fuq żewġ *land lines* u sistema tal-internet b'xejn;
- Kompjuter jew *laptop* bi printer u *scanner*;
- *Mobile phone* b'telefonati b'xejn sa massimu ta' €2,330 fis-sena;
- Kopja tal-Gazzetta tal-Gvern bis-supplimenti;
- *Terminal benefit*;
- *Transitional allowance*;
- Is-servizz ta' uffiċċjal pubbliku sabiex iservi ta' assistent personali;

Ministri u segretarji parlamentari li jispiċċaw mill-kariga huma intitolati biss għal *terminal benefit* u *transitional allowance*.

Tislijiet,

**Ryan Spagnol**
Segretarju tal-Kabinett
Uffiċċju tal-Prim Ministru

PARLAMENT TA' MALTA

**House of Representatives - Parliamentary Questions Website**

**Leġiżlatura**
XIV
**Kategorija**
ORAL
**Mistoqsija Numru:**
2150
**Data:**
04/07/2022
**Seduta:**
40 - 01/11/2022 06:00 PM
**Seduta *Interim*:**
-
**Titlu:**
Sa Maison - Għoti ta' proprjetà ta' Transport Malta lill-individwu

**L-Onorevoli IVAN BARTOLO staqsa lill-Onorevoli SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet):**
Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 1478 u jgħid f'liema data u b'liema titolu ngħatat il-proprjetà parti mill-bini ta' Transport Malta f'Sa Maison lill-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament u jistax iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt/att/skrittura/deċiżjoni relattiv?

**Tweġiba:**
Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemm ebda titolu dwar il-parti tal-binja riferuta. L-użu tagħha hu parti mis-'severance package' tal-eks Prim Ministru fuq il-bażi ta' mera tolleranza.

**Dokumenti annessi mal-mistoqsija:**

**Dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra:**

**Dokumenti annessi mar-risposta:**

L-aħħar bidla: 1/11/2022 06:56:35 PM - PQ ID 2A0FD1A7DE2E91E8C125887500306F4E

## Ex-Prime Minister entitled to the payment of aTerminal Benefit

| ID Number | Name & Surname | Designation | Current Salary | Cash Payment | Additional Allowance | Continuous Service | Number of consecutive years | 1/12 salary & allowances | Terminal Benefit (EUR) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 00110274M | Dr Joseph Muscat | Ex-Prime Minister | €57,797.50 | €447.50 | €5,823.48 | 01/10/2008 - 12/01/2020 | 11.25 | €5,339.04 | **€60,064.20** |
| | | | 125% of Sc 1 | 125% opf Cash payment for SC 1 | | | | | |
| | | | | | | | | **Total** | **€60,064.20** |

Sc 1 in 2020: €46,238.00
Cash payment in 2020:€358

DOKUMENT G

**Kummissarju għall-Istandards**
**fil-Ħajja Pubblika**

15 ta' Novembru 2023

L-Onor. Dr Robert Abela
Prim Ministru

Bl-email fuq robert.abela@gov.mt

Onor. Prim Ministru,

**Każ K/043: benefiċċji ta' tmiem il-ħatra li ngħataw lill-eks Prim Ministru Joseph Muscat**

Dan l-Uffiċċju rċieva tliet ilmenti dwar il-benefiċċji li ngħataw lil Dr Joseph Muscat wara li rriżenja mill-kariga ta' Prim Ministru. L-ilmenti huma annessi ma' din l-ittra. It-tliet ilmenti qed jiġu kkonsidrati flimkien minn dan l-Uffiċċju bħala l-każ K/043.

Annessa ma' din l-ittra għandek issib ukoll l-evidenza miġbura s'issa minn dan l-Uffiċċju fl-investigazzjoni tiegħu ta' dan il-każ. Din l-evidenza tikkonsisti f'żewġ ittri datati 12 u 28 ta' Settembru 2022 mingħand iċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, u ittra datata 13 ta' April 2023 mingħand is-Segretarju tal-Kabinett.

L-allegazzjonijiet imqajma fit-tliet ilmenti jistgħu jinġabru taħt tliet irjus:

(1) ġenerożità eċċessiva fil-pakkett ta' benefiċċji li ngħata lil Dr Muscat;

(2) nuqqas ta' konformità mal-liġi fil-mod ta' kif l-uffiċċju ta' Sa Maison ingħata f'idejn Dr Muscat; u

(3) nuqqas ta' trasparenza fl-għoti ta' informazzjoni dwar l-istess benefiċċji.

### (1) Ġenerożità allegatament eċċessiva

Jirriżulta mill-informazzjoni pprovduta mis-Segretarju tal-Kabinett li l-pakkett ta' benefiċċji mogħti lil Dr Joseph Muscat ġie deċiż u mfassal fl-2019 mill-

Kabinett presedut mill-istess Dr Muscat meta kien għadu Prim Ministru. Iqumu dubji serji dwar kemm hu korrett li Prim Ministru jiddetermina l-benefiċċji tiegħu stess xahar qabel jirtira. Madankollu dan l-Uffiċċju huwa prekluż milli jinvestiga dan l-aspett tal-każ għaliex Dr Muscat m'għadux deputat parlamentari. Għaldaqstant l-investigazzjoni ta' dan l-Uffiċċju qed tiffoka fuq dawk il-benefiċċji fil-pakkett li ġew miżjuda ma' dawk diġà eżistenti u potenzjalment jimmeritaw li jiġu irtirati.

Fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mis-Segretarju tal-Kabinett dwar il-pakkett ta' benefiċċji mogħti lil Dr Muscat, kif ukoll l-informazzjoni dwar il-pakketti preċedenti li tinsab fid-dominju pubbliku, jirriżultali li l-pakkett ta' Dr Muscat jinkludi tliet benefiċċji bħal dawn, li huma:

(a) is-somma ekwivalenti għat-terminal benefit li ngħatat minflok it-transitional allowance (dan fid-dawl tal-kundizzjonijiet li kienu japplikaw għat-transitional allowance fil-pakkett ta' qabel l-2018);

(b) it-tieni karozza;

(c) l-uffiċċju ta' Sa Maison.

Nifhem li s-somma tħallset kmieni fil-2020, u għaldaqstant dan il-ħlas huwa preskritt taħt l-artikolu 14(2) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Nifhem iżda li l-gvern għandu s-setgħa jirtira t-tieni karozza u l-uffiċċju ta' Sa Maison, u għaldaqstant l-għoti ta' dawn il-benefiċċji jirrappreżenta att kontinwu li mhux suġġett għall-preskrizzjoni. L-investigazzjoni ta' dan l-Uffiċċju hija għalhekk iffokata fuq dawn iż-żewġ benefiċċji bil-għan li jiġi stabbilit jekk humiex ġustifikati. Din l-investigazzjoni qed issir fid-dawl tal-artikoli 5.1 u 5.3 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att.

Inti mitlub tippreżenta l-veduti tiegħek dwar l-allokazzjoni lil Dr Muscat tat-tieni karozza u l-uffiċċju ta' Sa Maison u tagħtini raġunijiet jekk, fil-fehma tiegħek, dawn il-benefiċċji huma ġustifikati. Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2023**.

### (2) Il-legalità tal-allokazzjoni tal-uffiċċju ta' Sa Maison

Fir-rigward tal-uffiċċju ta' Sa Maison, huwa allegat ukoll li l-allokazzjoni ta' dan l-uffiċċju ma sarx skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (il-kapitolu 573 tal-liġijiet ta' Malta). Din il-kwistjoni potenzjalment tinkwadra ruħha fl-artikolu 22(1)(a)

ta' Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, li jirreferi għal azzjonijiet "kontra dak li trid il-liġi". Napprezza l-veduti tiegħek anki dwar din il-kwistjoni.

**(3) Allegat nuqqas ta' trasparenza**

Fid-dawl tal-informazzjoni li ġiet ipprovduta permezz ta' risposti għal mistoqsijiet parlamentari wara li daħlu l-ewwel żewġ ilmenti, għalissa dan l-Uffiċċju mhux jinvestiga l-allegazzjonijiet dwar nuqqas ta' trasparenza. Madankollu nirriżerva d-dritt li nidħol f'din il-kwistjoni jekk f'xi stadju aktar 'il quddiem jidhirli li għandi nagħmel dan. F'dan il-każ niktiblek biex ninformak li qed nestendi l-investigazzjoni tiegħi.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

29 ta' Novembru 2023

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Valletta VLT 1210

**Ref. Każ K/043 – benefiċċji ta' tmiem il-ħatra li ngħataw lill-eks Prim Ministru Joseph Muscat**

Sur Prim Imħallef Emeritu,

Niktiblek b'riferenza għall-każ fuq imsemmi u b'risposta għall-ittra tiegħek tal-15 ta' Novembru 2023.

Nibda billi nosserva li ġej:

It-tlett ilmenti daqqa jindividwalizzaw lili u daqqa "possibilment il-Kabinett tal-Ministri". Qed inwieġeb f'ismi.

L-ittra tiegħek qed tinnewtralizza u tiddeċiedi dwar eċċezzjoni ta' preskrizzjoni fi stadju li jien għadni lanqas biss issollevajtha. Jiġifieri mal-ewwel opportunita' li għandi biex nissolleva din l-eċċezzjoni, diġa rinfaċċjat b'deċiżjoni dwarha. Dan hu pre-ġudizzju irrimedjabbli, li jippreġudika irrimedjabbilment dil-proċedura almenu in kwantu tikkonċerna lili.

Il-prinċipji ta' smiegħ xieraq, tal-ġustizzja naturali, u ta' proċedura korretta, ġentilment nitlob li jiġu applikati hawn ukoll.

Formalment u bir-rispett dovut, qed nissolleva l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, jew aktar korrettement dekadenza, ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-Kap 570. Is-Sinjurija tiegħek trid għalhekk tiddeċiedi dwar eċċezzjoni li diġa esprimiet ruħha dwarha billi ċaħditha, qabel ġiet sollevata u ssostanzjata.

Bla ebda ħsara għall-premess, id-deċizjoni dwar il-benefiċċji kollha ta' terminazzjoni applikabbli ittieħdet f'Diċembru 2019, u d-deċiżjoni ġiet implimentata kmieni fl-2020, kif jingħad fl-ittra tiegħek. Hi inkongruwa d-distinzjoni li qeda ssir dwar il-*lump sum payment* u l-benefiċċji oħra - anzi l-konklużjoni tiegħek dwar il-perentorjeta` tal-indaġni dwar il-benefiċċju ta' somma flus, hi preċiżament l-istess raġuni li tissostanzja għala l-bqija tal-indaġni tiegħek hi tabilħaqq ukoll kolpita mill-preskrizzjoni / dekadenza. Is-somma tħallset u baqgħet miżmuma, l-użu tat-tieni vettura ingħata u baqa' mizmum, u l-istess il-pussess b'mera tolleranza tal-immobbli. Li tiġi maħluqa did-distinzjoni artifiċjali hu inspjegabbli għalija, għajr sabiex tiġi newtralizzata l-liġi.

L-interpretazzjoni tal-liġi m'għandiex tiġġebbed b'mod li naslu għal '*judge made law*' li mhux parti mill-ordinament ġuridiku f'pajjizna. Kif kelli l-opportunita' nissolleva fi żmien il-predeċessur tiegħek, malli l-istituzzjonijiet jibdew jeżorbitaw jew iwessgħu il-mansjoni tagħhom billi jwarrbu dak li kjarament tgħid u trid il-liġi, jitilfu mill-awtorita' li huma mogħnija biha.

Nifhem u nissimpatizza kompletament mal-posizzjoni tiegħek li ilmentaturi bħal dawk odjerni qed kostantement **u intenzjonalment** ipoġġuk fiha. It-tattiċi tagħhom drajnihom.

Inżid li l-informazzjoni sħiħa u kompleta dwar dan il-pakkett ta' benefiċċji ta' terminazzjoni tinsab fil-pussess tiegħek u fid-dominju pubbliku u għalhekk hemm trasparenza sħiħa, kuntrarjament għal kif qed jiġi mplikat.

L-ittra tiegħek issemmi ukoll il-"fatt" li dan kien pakkett deċiż minn Kabinett presjedut minn Prim Ministru a benefiċċju tal-istess Prim Ministru. Għad-deċiżjoni ta' dak il-pakkett, il-Prim Ministru preċedenti allontana ruħhu mid-diskussjoni u deċiżjoni, u ma ppresjediex il-Kabinett f'dak l-*item*.

Ninnota li filwaqt li dan il-każ ilu jiġi ndagat mill-uffiċċju tiegħek sa mill-bidu tas-sena 2022, u tul dan iż-żmien kkomunikajt ma' uffiċjali tal-Gvern/entitajiet pubbliċi biex tikseb kull tagħrif li deherlek meħtieġ, u anke` ppronunzjat ruħhek dwar il-preskrizzjoni, anke jekk tali tagħrif jintlaqat bl-artikolu 20 tal-Att dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika (l-Att), hu biss issa, aktar minn sena u nofs wara, li qed nintalab nagħti l-veduti tiegħi dwar dan il-każ. Anzi iddeffist fil-kredu bħala investigat, jekk qed nifhem sew.

Għalhekk qed nirriserva d-drittijiet tiegħi fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 18 tal-Att, li jirregola l-proċedura li l-uffiċċju tiegħek mistenni jsegwi f'kull indaġini li jwettaq. Ma nixtieqx li nikkonkludi li dak li sar jaqleb ta' taħt fuq il-prinċipji tal-ġustizzja naturali li l-uffiċċju tiegħek statutorjament marbut bihom, pero' qajla nista' nonqos milli nosserva hekk.

Inżid illi l-materja nvestigata **hi kollha kemm hi deċiżjoni kollettiva tal-Kabinett f'amministrazzjoni u leġislatura preċedenti,** u għalhekk tintlaqat bl-artikolu 20 tal-Att.

**B'hekk kwalunkwe ndaġini** dwar din il-materja privileġġjata tikkozza mhux biss mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu msemmi, iżda wkoll mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 496 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal deċiżjoni kollettiva tal-Kabinett **preċedenti** li hi insindakabbli, l-uffiċċju tiegħek donnu jrid jipprova jissingola membru tal-Kabinett **preżenti,** u jinvestigah għala mhux jieħu azzjoni biex jirrevoka deċiżjoni insindakabbli minnu (mill-Kummissarju).

B'dana illi biex il-Kummissarju jinvestiga lil membru preżenti tal-Kabinett fis-sens li jiċċensurah talli ma bidilx deċiżjoni kollettiva tal-Kabinett preċedenti, qed awtomatikament **jiġi qed jinvestiga u jiċċensura dik id-deċiżjoni tal-Kabinett**, li statutorjament il-Kummissarju hu prekluż milli jagħmel.

Inżid li l-ilment odjern ċertament ma hux radikat minn xi namra lejn l-interess nazzjonali, imma hu instigat biss minn ritaljazzjoni politika minn min intavolah. L-uffiċċju tiegħek m'għandux jintuża għal hekk, daqskemm deċiżjonijiet tal-Kabinett m'għandhomx jiġu revokati għalhekk, jew membru soġġett għall-ġurisdizzjoni tiegħek jiġi mpoġġi f'qagħda li jrid b'xi mod jagħmel hekk.

Dwar il-legalita' tal-għoti fl-2010 u ż-żamma tal-immobbli, it-titolu ta' kera għadda għand l-OPM fi żmien amministrazzjoni Nazzjonalista b'mod leġittimu. Id-detenzjoni minn Dr. Muscat qeda fuq bażi ta' mera tolleranza b'deċiżjoni tal-Gvern manifestata b'deċiżjoni kollettiva tal-Kabinett.

In kwantu jissemma' li dan il-pakkett ta' benefiċċji jammonta għal "ġenerożita eċċessiva", mhux se nidħol f'dan l-argument għaliex l-ewwelnett ma rridx nissogra li ninnewtralizza l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni/dekadenza, u lanqas l-insindakabilita' ċara tad-deċiżjoni tal-Kabinett billi nkun jien stess li niddibatti dwarha.

Fuq nota ġenerali pero' u bla riferenza speċifika għall-każ, ngħid li din hi asserzjoni soġġettiva li temani mill-arbitriju. Hemm pataflun ġurisprudenza li tgħid li għal dak li hu soġġettiv għall-fehma individwali, wieħed ma jistax jirriskontra ksur tal-liġi. Għalkemm hawn m'aħniex ġewwa Qorti, dawn huma prinċipji sani li jemanu mil-buon sens tal-ħajja, li nemmen, għandhom japplikaw għal dil-proċedura hawn ukoll.

Bl-istess mod nista' ngħid li wieħed jista' jaqbad dibattitu akkademiku, ukoll soġġettiv, dwar jekk teżistix ġenerozita eċċessiva ma' detenturi ta' karigi <u>oħra</u> kostituzzjonali u istituzzjonali dwar (1) is-salarji, (2) il-pensjoni, u (3) benefiċċji li jirċievu allaċjati mal-kariga tagħhom, u wara t-tmiem tagħha. U anke` paraguni, aktarx odjuzi, jistgħu jsiru, kemm dwar it-totalita' ta' tali pakketti, u anke' riskontrata mar-responsabilitajiet rispettivi.

Fl-aħħarnett, in kwantu ġie ċċitat l-artikolu 5.1 tat-Tieni Skeda, l-isfumatura hi spjaċevoli.

Għalhekk umilment nissottometti li dan il-każ ma kien jippermetti ebda indagini *a priori,* u tant anqas allura ma jimmerita ndaġini ulterjuri.

Għoddni tiegħek,

**Robert Abela**